# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 24**

**Rikors numru 1010/10 MCH**

**Pauline Vella Moran armla minn Luigi Vella**
**u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2012**
**l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem**
**Maryane mart legalment separata minn**
**Joseph Calleja u Josephine sive Josette Bondin**
**u dana wara l-mewt tal-attrici**
**Pauline Vella Moran**

**v.**

**Concetta mart John Abela u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2016**
**l-Avukat Dr Leontine Calleja u**
**l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina**
**gew nominati bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw**
**l-eredita` ta' Concetta Abela u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2016,**
**il-Qorti ordnat li jigu estromessi l-kuraturi u awtorizzat**
**lil John Abela, Beverly Abela u Paul Abela**
**jassumu l-atti tal-kawza minflok Concetta Abela**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell minn sentenza [is-sentenza appellata] tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-27 ta' Novembru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghet it-talbiet kollha attrici billi, inter alia, iddikjarat li l-kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Awwissu 2010 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono maghmul mill-attrici, kien affett minn zball sostanzjali u ghalhekk huwa null u bla effett rigwardanti l-proprjetajiet kollha indikati fl-istess kuntratt bl-eccezzjoni tal-fond numerat 4 fl-imsemmija kuntratt, cioe` nofs indiviz tal-flat internament immarkat bhala numru wiehed formanti parti mill-korp ta' bini bin-numru 84, Marconjos, Triq il-Bajja Sabiha, Birzebbuga, liema kuntratt ghandu jibqa' validu ghall-finijiet ta' dan l-imsemmi fond biss izda jigi rexxiss inkwantu ghall-proprjetajiet kollha l-ohra donati lill-konvenuta bl-imsemmi kuntratt.

**Mertu**

2. Din hija kawza istitwita mill-attrici sabiex tirrexxindi in parte kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Awwissu 2010 li permezz tieghu hija ddonat lil bintha l-konvenuta diversi proprjetajiet. Skont l-attrici, mara anzjana li dak iz-zmien kellha 79 sena, il-kunsens taghha fuq dan il-kuntratt kien gie moghti minnha bi zball ghaliex hi ma riditx tiddona lill-konvenuta l-proprjetajiet kollha elenkati fl-imsemmi kuntratt, izda biss proprjeta`

wahda, dik fuq indikata. Skont l-attrici l-kunsens taghha fuq dan il-kuntratt kien gie karpit b'ghemil doluz, bi vjolenza u b'theddid da parti tal-konvenuta, kif ukoll li l-kunsens taghha kien gie moghti bi zball ta' fatt. L-attrici ssostni illi hija dejjem riedet li thalli lil uliedha l-istess u tqassam gidha b'mod ugwali bejniethom u ghalhekk qatt ma kellha l-hsieb li tiddona lill-konvenuta iktar milli kienet diga` tat b'donazzjoni liz-zewg uliedha l-ohra. Ghalhekk lill-konvenuta riedet tiddonalha biss sehemha mill-flat rimanenti fil-blokka ta' Birzebbuga bl-istess mod li kienet diga` ddonat sehemha miz-zewg appartamenti l-ohra fl-istess blokk lil hut il-konvenuta permezz ta' zewg kuntratti ta' donazzjoni li saru fit-18 ta' Jannar 2007.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

3. Din tikkontjeni deskrizzjoni dettaljata tal-fatti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha. Il-parti relevanti taqra hekk:

> "Din hi kawza maghmula minn mara anzjna ta' 79 sena biex tipprova tirrexxindi in parti kuntratt ta' donazjoni li sar minnha mal-konvenuta peress li tallega li l-kunsens taghha inghata bi zball ghax hi ma riditx tiddona l-proprjetajiet kollha imsemmija fil-kuntratt izda biss proprjeta wahda partikolari u li l-kunsens taghha ghal kuntratt kif sar gie karpit b'ghemil doluz, vjolenza u theddid da parti tal-konvenuta. Finalment qed tallega li l-kuntratt kien simulat.
>
> "Il-konvenuta qed tilqa ghal dawn l-allegazzjonijiet billi tichad xi nuqqas jew vjolazzjoni da parti taghha.
>
> **"Fatti**

"Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza jistghu jigu riassunti b'dan il-mod. Pauline Vella Moran hi omm ta' tlett ulied bniet, cioe l-konvenuta Concetta Abela u Maryanne Calleja u Josephine Bondin. Ir-ragel ta' Pauline Vella Moran miet fit-18 ta' Awwissu 2005. Huma kellhom testment unica charta u istitwew lil uliedhom eredi universali (fol. 46 tal-process). Pauline Vella Moran sostniet fl-affidavit taghha u kull fejn issib referenza ghaliha fl-atti, illi dejjem riedet thalli lit-tfal ugwali. Il-fatti juru pero illi wara l-mewt ta' zewgha, beda jinqala' hafna inkwiet bejn l-ahwa fejn l-omm kienet il-pedina fin-nofs, tizfen ma' kull rih. L-atti juri illi mill-2006 il-quddiem il-kwistjonijiet bejn l-ahwa fejn giet imdahhla l-omm, ma naqsux. Fis-sena 2006 il-konvenuta giet akkuzata mill-Qorti tal-Magistrati illi insulentat, hebbet ghal u kkagunat feriti fuq ommha u kisret garanzija f'Mejju 2006. Din is-sentenza marret in gudikat fl-2009 fejn il-konvenuta instabet hatja tal-akkuzi kollha (fol. 50 et seq. tal-process).

"Fis-sena 2007 saret kawza min Pauline Vella Moran kontra bin l-konvenuta Concetta Abela ghax dan kien qed ighix fid-dar matrimonajli ta' Vella Moran bla dritt. F'Jannar tal-2007 Pauline Vella Mora iddonat is-sehem indiviz taghha minn zewg appartamenti fi blokka ta' tlieta f'Birzebbugia lill-uliedha Josephine u Maryanne. Jidher li din id-donazjoni ma ghenitx il-paci familjari tant illi l-kwistjonijiet baqghu jeskalaw anki meta fl-2010 Pauline Vella Moran marret f'home privata. F'dak il-perjodu saru tlett prokuri f'perjodu bejn Marzu u Awwissu 2010 fejn jirrizulta li f'Marzu 2010 Pauline Vella Moran tat prokura generali lil Josephine (fol. 138 tal-process) ghamlet prokura ohra generali lil Josephine Bondin fl-20 ta' April 2010 (fol. 141 tal-process) u imbaghad ghamlet prokura specjali lil Concetta Abela f'Awwissu 2010 (fol. 139 tal-process). Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta f'zewg okkazjonijiet zbankat is-somom ta' €500 f'Settembru 2010 u l-pensjoni ta' ommha ta' Ottubru 2010. Mill-banda l-ohra wliedha l-ohra zbankaw is-somma ta' €15,000 circa mill-kontijiet ta' ommhom u dan biex skond huma ohthom Concetta ma tabbuzax minn flus ommha.

"Il-kwistjoni kollha pero li waslet ghal din il-kawza kienet il-kuntratt ta' donazjoni li ghamlet Pauline Vella Moran lil Concetta Abela fit-28 ta' Awwissu 2010. Pauline Vella Moran tishaq li hi riedet thalli lil uliedha l-istess u ghalhekk riedet li taghti sehemha mill-appartament rimanenti mill-blokka ta' tlieta f'Birzebbugia lil Concetta Abela biex b'hekk il-konvenuta tkun irceviet bhal ma tat lil hutha bid-donazjoni tal-2007. Dan il-kuntratt, pero, li jinsab a fol. 15 tal-process ma jinkludix biss din il-proprjeta izda sehemha minn tlett proprjetajiet ohra fosthom sehemha mid-dar matrimonjali valutat €326,000 fil-kuntratt. Jinghad illi s-sehem tal-appartament f'Birzebbugia hu valutat €17,500. Dan il-kuntratt sar ghand in-Nutar Reuben Debono ingaggat mill-avukat tal-konvenuta. Hi l-kontenzjoni ta' Pauline Vella Moran illi fl-ebda hin ma riedet tati lil konvenuta l-proprjetajiet imsemmija fid-donazjoni bl-eccezzjoni tal-appartament. Saret taf circa xahar wara meta wliedha l-ohra fethu l-korrispondenza taghha u nfurmawha li kien hemm kopja tal-kuntratt mibghut minn Nutar u l-kontenut tieghu. Dan ta lok ghal kawza.

"Pauline Vella Moran mietet fit-28 ta' Gunju 2011. Qabel il-mewt taghha pero ghamlet testment sigriet (fol. 170 tal-process) fit-2 ta' Dicembru 2010 fejn regghet irribadiet illi qatt ma riedet tiddona lil Concetta Abela ebda proprjeta hlief sehemha mill-appartament ta' Birzebbugia u riedet li thalli lil uliedha kollha eredi ugwali purche l-konvenuta tinvoka d-donazjoni li saritilha li skond Pauline Vella Moran sar b'ingann u qerq.

**"Ligi**

"In-nullita tal-kuntratt ta' donazjoni almenu ghal proprjetajiet kollha hlief l-appartament ta' Birzebbugia qed tigi allegata a bazi ta' vizzju ta' kunsens. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-vizzji.

**"Validita ta' kuntratt**

"Ir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa huma l-kapacita tal-partijiet li jikkuntrattaw, il-kunsens, haga zgura bhala l-oggett tal-kuntratt, u kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu.

"Kwalunkwe kuntratt jew ftehim ghandu favur tieghu l-presunzjoni tas-sincerita u tar- realta. Min irid iwaqqa' din il-presunzjoni jrid igib il-prova konkludenti u perswasiva tan-nuqqas minnu allegata. Din il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mod permess mil-ligi, anki permezz ta' xhieda; izda dan il-principju jigi applikat b'rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku, minhabba l-akbar fidi li tirriponi fih il-ligi. Ghalhekk id-deduzzjonijiet kontra dak l-att ghandhom ikunu specifici u cirkostanzjali, u l-presunzjonijiet gravi, precizi u konkludenti (Vol 27 p2 p 551 u Vol 37 p2 p 797). Hemm bzonn, kif ighid **Butera**, li jigu salvagwardati "la sicurezza e la stabilita' delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e la realta' dell'altro contraente."

"L-attrici qed tallega li l-kuntratt ghandu jigi rexiss minhabba zball fost affarijiet ohra.

**"Zball**

"L-artikolu 976 ighid:

> ""(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.
>
> "(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim."

"Fil-kawza **Pisani vs Mamo**, deciza App, 7/11/1933, intqal li:

> *""la dottrina da accettarsi nella soggetta materia e` quella secondo cui l`errore non puo` addursi quando e` effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell`errore anche con lieve diligenza, perche` in tal caso e` da applicarsi la massima qui sua culpa*

> *damnum sit, non videtur damnum sentire". Aktar qabel, l-istess Onorabbli Qorti, fil-kawza "Mifsud vs Bonnici", deciza fl-4 ta` Gunju, 1910, kienet osservat illi "e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezzione ne` difesa". Dan il-principju gie ribadit, wara studju dettaljat tal-Istitut, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza klassika "Cutajar vs Petroni", deciza fil-15 ta` Lulju, 1969, li kkonkludiet l-istudju taghha in subjecta materja billi osservat li "l-izball bizzejjed li jkun unilaterali, basta jkun determinanti u skuzabbli."*

"Illi hekk gie ritenut ukoll fis-sentenza "Piscopo vs Filletti" (P.A. – 16 ta' Gunju 2003) fejn gie affermat li "ma hemmx zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli" Fil-kawza "Borg nomine vs Grima nomine et" (Q.K – 3 ta' Gunju 1994) inghad li zball ma huwiex skuzabbli meta wiehed ikun traskurat u jiffirma qabel ma jaqra l-karta jew naqqas li jitlob li tali skrittura, jekk ma fehmiex, tigi lilu spjegata.

"Il-Qorti kellha okkazjoni li tkellem direttament lil Pauline Vella Moran fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010 wara li saru zewg rikorsi f'Ottubru mill-avukat taghha biex il-kawza tinstema' bl-urgenza billi kien hemm il-biza li l-attrici ser tigi mgeghla iccedi l-kawza. Il-Qorti semghet lil Pauline Vella Moran li ddahlet fl-Awla mill-konvenuta. Bla ezitazzjoni ta' xejn il-Qorti hadet l-impressjoni cara u netta illi Pauline Vella Moran kienet mara anzjana, fragili u ta' sahha li qed tonqosha. Ghalkemm kienet qed titkellem mal-Imhallef sedenti dahrha lejn il-konvenuta u wahda mit-tfal l-ohra Josette Bondin, kienet tidher fil-komportament taghha li qed tibza titkellem, konxja l-hin kollu ta' wliedha warajha u ma tafx x'ser tghid biex ma timbaghad min hadd. Li hareg car pero hu illi Pauline Vella Moran ma riditx tkompli b'kawzi fil-Qorti ghax hasbet illi jekk tieqaf il-kawza l-kuntratt ta' donazjoni kien ser jigi rrangat. Meta l-Qorti spjegatilha li jekk il-kawza tigi ceduta l-kuntratt ma jirrangax ruhu wahdu, dehret deciza fil-fehma li tkompli bil-kawza ghax riedet li t-tfal jinghataw l-istess fi proprjeta.

"Dan ma jfissirx b'daqshekk illi l-kuntratt kien null. Il-kuntratt hu prova ta' dak li fih u l-izball biex jigi accettat irid ikun determinanti u skuzabbli.

"Harsa lejn l-isfond ta' dak li sehh qabel il-kuntratt ma jhallix dubbju f'mohh il-Qorti illi l-ahwa Vella Moran urew kilba ghal possedimenti ta' ommhom hafna aktar milli urew rispett u mhabba lejha. Sa minn wara mewt missierhom, dawn l-ahwa uzaw u sfruttat il-fragilita ta' din il-mara armla u anzjana b'sahha li qed titlaqa' biex jikkapparaw dak li jistghu. Pauline Vella Moran ikkommettit zball meta tat sehemha tal-appartamenti ta' Birzebbugia liz-zewgt ibniet u ma nkludietx lil konvenuta. Kienet x'kienet ir-raguni, anki jekk kif tghid hi, il-konvenuta kienet ir-raguni ghax kienet tinkwetaha, dan il-fatt imur kontra dak li tidher dejjem kienet l-intenzjoni taghha u ta' zewgha, sahansitra anki meta f'Ottubru 2010 biddlet it-testment, bla dubbju bl-ghajnuna taz-

zewg uliedha li issa dahlu fil-kawza flok ommhom, cioe li l-ulied igawdu l-patrimonju tal-genituri taghhom b’mod ugwali.

“Jista’ jinghad li l-kuntratt ta’ donazjoni lil uliedha Josette u Maryanne kien il-frott ta’ sahna tal-mument wara li l-konvenuta giet imharka darbtejn ftit xhur qabel fuq aggressjoni u tghajjir fil-konfront tal-istess Pauline Vella Moran. Pero l-agir ta’ ulied Pauline Vella Moran ma’ xulxin u fil-konfront ta’ ommhom gab lil Pauline Vella Moran aktar debboli u tixxejjer ma’ kull rih biex tipprova ma tiggielidx ma’ wliedha u zzomm bilanc li wliedha stess kienu ben intenzjonati li jhassru. Ir-risposta ghal kuntratt ta’ donazjoni li ghamlet Pauline Vella Moran lil uliedha Maryanne u Josette kien rikors ghall-interdizzjoni ta’ ommha fi Frar 2008 da parti tal-konvenuta li l-atti f’din il-kawza ma jurux x’sar minnu pero prezumibilment ma wassalx ghall-ezitu mitlub mill-konvenuta.

“Il-Qorti tqis bhala nuqqas serju li f’dan il-glied jindahlu direttament l-avukati tal-ulied biex l-istess Pauline Vella Moran tirrispondi ghall-attakki ta’ bejniethom fuqha u gidha. Il-Qorti mhux ser tiddelunga ruhha wisq fuq dan il-punt izda harsa lejn l-atti hi xiehda bizzejjed ta’ dak li qed jinghad.

“Dak li jinteressa lil Qorti pero hu jekk Pauline Vella Moran meta ghamlet il-kuntratt ta’ donazjoni ghamlitx zball f’dak li riedet tiddona u jekk l-izball kien mhux f’dak li riedet meta ghamlet il-kuntratt izda f’dak li sehh wara u li allura geghla tahsibha mill-gdid fuq dak li fil-fatt ghamlet.

“In-nutar li rrediga l-kuntratt cioe Dr. Reuben Debono gie mqabbad mill-avukat tal-konvenuta li kien ukoll prezenti, almenu ghal certu hin, waqt l-istess kuntratt. In-Nutar jixhed li d-dettalji tahomlu fuq fuq l-avukat pero l-konvenuta qaltlu liema proprjetajiet kienu ser jigu inkluzi fid-donazjoni filwaqt li Pauline Vella Moran urietu d-donazjonijiet li kienet ghamlet lil uliedha l-ohra u uriet ix-xewqa li taghti xi donazjonijiet lil konvenuta. Hu xehed li spjegalha x’kienu jikkomprendu d-donazjonijiet u kkonfermathom. Il-kuntratt dam xi tlett kwarti biex sar. In-Nutar jistqarr pero li hu ma kellu ebda hjiel tar-retroscena wara l-kuntratt u illi ma qaghadx jaqra l-kuntratti l-ohra ta’ donazjoni.

“Id-domanda li tinsorgi hi allura jekk Pauline Vella Moran setghetx ma fehmitx jew fehmet hazin lin-Nutar meta ghamlet il-kuntratt favur il-konvenuta. Il-Qorti tqis li l-istat mentali u fiziku ta’ Pauline Vella Moran kien tali li hu wisq probabbli li kull ma kien jinteressaha hu li ggib it-tfal ugwali billi kull wahda jkollha appartament mill-blokka ta’ Birzebbugia u illi dettalji ohra ma qisithomx ta’ importanza. Hu inversosimili illi persuna li t-tul kollu tal-process tishaq li trid lil kulhadd indaqs ser taghti lil konvenuta proprjeta li tiswa mill-anqas €350,000 meta l-appartament kien jiswa €17,000. Harsa wkoll lejn it-tlett prokuri li saru f’temp ta’ tlett xhur fiz-zmien li sar il-kuntratt, harsa lejn kif flusha mill-bank bdew jigu migbuda mill-konvenuta u hutha huma provi li juru illi Pauline Vella Moran ma kienitx qed timmanigja s-sitwazzjoni izda kienet qed tigi manipulata biex min ghaliha qed taghti l-istess fakoltajiet u drittijiet lil

uliedha mentri wliedha kienu qed jisfruttaw is-sitwazjoni ghal ahjar interess taghhom individwali. Ghalhekk il-Qorti hi konvinta illi l-kuntratt ta' donazjoni kien affett minn zball sostanzjali fuq dak li fil-fatt riedet taghti b'donazjoni lil konvenuta.

"Ma jistghax jinghad illi Pauline Vella Moran kellha xi zmien apprezzabbli qabel ma sar il-kuntratt biex tivverifika l-vera natura tal-kuntratt li dehret fih. Hi ittiehdet ghand Nutar maghzul mill-konvenuta tramite l-avukat taghha u f'temp ta' tlett kwarti l-fatt kien kompjut. Hi rceviet kopja tal-kuntratt xahar wara meta wliedha l-ohra intebhu b'li kienet ghamlet u mill-ewwel infethet il-kawza. Bil-biza kollu taghha li ma tidhirx kerha ma' hadd minn uliedha u li ma jinqalax iktar glied li kien isehh anke quddiemha, u nonostante li giet xprunata fil-kawza mill-istess uliedha, Josette u Maryanne, Pauline Vella Moran kienet rizoluta quddiem il-Qorti li hi ma kienitx taf li l-kuntratt ta' donazjoni kien jinkludi proprjetajiet ohra oltre l-appartament u ma riditx li l-konvenuta tiehu aktar minn dak li tat lil uliedha l-ohra.

"Nonostante l-izbalji kollha li setghet ghamlet, kollha indotti mill-komportament ta' wliedha li jridu jirrispondu fil-kuxjenza taghhom ghal mod kif agixxew ma' ommhom, l-intenzjoni cara ta' Pauline Vella Moran sal-mewt kienet biss li hadd min uliedha ma jigi avvantaggjat a skapitu tal-iehor.

"Ix-xiehda ta' Maria Camillieri, social worker li tqabdet mid-dipartiment Governattiv relevanti fuq talba li saret mill-konvenuta stess fl-2008 u li ratha sporadikament sal-2010 jipprova iktar minn kull xiehda li jaghtu l-ahwa kontra xulxin illi Pauline Vella Moran kienet mara imbezza' mill-komportament u glied ta' wliedha u li ma riditx preferenzi bejniethom u li qabel mewtha riedet tara li l-affarijiet ikunu rrangati.

"Dan kollu hu l-isfond ta' dak li wassal u x'issuceda wara l-kuntratt ta' donazjoni lil konvenuta. Ir-rieda taghha dejjem kienet l-istess u ma hemm ebda prova anqas mill-istess konvenuta li ommha riedet tippreferiha minn hutha f'hajjitha jew wara mewtha.

"Ghalhekk il-Qorti wara li kkunsidrat dawn il-fatti u b'dak li semghet viva voce ma tarax kif il-kuntratt ta' donazjoni jirrispekkja r-realta li riedet Pauline Vella Moran u li baqghet issostnih sal-ahhar nonostante l-maniggi, interferenzi u manipular ta' wliedha."

## L-Appell

4. Il-konvenuta pprezentat l-appell taghha fl-14 ta' Dicembru 2012 li bih talbet illi din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza

appellata fid-dawl tal-aggravji minnha mressqin fir-rikors tal-appell taghha, bl-ispejjez kontra l-attrici.

5. L-aggravji fil-qosor huma li, l-ewwel Qorti; (1) ghamlet apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz u wriet li dik il-Qorti kellha “fissazzjoni” biex tghin lill-attrici ssewwi l-izball li rrejalizzat li ghamlet wara li ffirmat il-kuntratt, meta rat li wliedha l-ohra rrabjaw ghaliha; (2) ghamlet zball “akkademiku” meta ddecidiet li l-izball kien mhux f’dak li riedet l-attrici meta ghamlet il-kuntratt izda f’dak li sehh wara meta l-attrici kellha ripensament; u (3) ma qiesitx il-fatt li ma kienetx l-attrici li mexxiet ’il quddiem din il-kawza, u naqqset milli tapprezza illi l-attrici kienet manipulata miz-zewg uliedha l-ohra biex tistitwixxi u tkompli bil-proceduri odjerni.

**<u>L-Aggravji</u>**

L-Ewwel u t-Tieni Aggravji

6. Peress li dawn l-aggravji huma konnessi inkwantu huma diretti lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti ser jigu trattati flimkien.

7. F'materja ta' apprezzament ta' provi, jigi ribadit[1] illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim'istanza, hlief meta l-apprezzament tal-provi tkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji [App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et** 10/01/1995]. Dan ma jsirx *"sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta"* [App.C. **Paul Formosa v. Salvu Debono** deciza 5/10/2001]. *"Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia."* [App. **Attard v. Direttur tas-Sahha**, 31 ta' Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza App.S **Joseph John Parnis v. Mary Parnis**, 31 ta' Ottubru 2014]

8. Il-konsiderazzjonijiet premessi jassumu aktar forza fid-dawl tal-fatt li fil-kaz odjern l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda *viva voce*, inkluz dik tal-attrici.

[1] App.S 47/06 **Therese Pace v. Camela Borg**, deciz 18 Lulju 2017

9. Rigwardanti l-fattur tal-izball fil-kuntest tal-kunsens kuntrattwali, il-Liġi tagħmilha ċara li l-kunsens ta' persuna huwa wieħed mir-rekwiżiti essenzjali ta' kull kuntratt li huwa validu u, sabiex il-kunsens ikun validu, ma jridx ikun ingħata bi żball, jew ittieħed bi vjolenza jew bl-għemil doluż. Infatti, l-iżball hi waħda miċ-ċirkostanzi kontemplati mil-Liġi li tivvizzja l-kunsens ta' kontraenti.

10. B'mod generali u, b'referenza ghal dawk l-aspetti tal-kunsens vizzjat li huma relevanti ghall-fattispecje tal-kaz odjern, il-Liġi tagħraf żewġ aspetti ta' żball li jistgħu jivvizzjaw il-kunsens ta' parti f'kuntratt: l-iżball tal-fatt u l-iżball tal-liġi. Fil-każ odjern, jirrizulta li l-attrici tistrieħ fuq tal-ewwel u mhux fuq l-iżball tal-Liġi. Madankollu, biex żball ta' fatt iġib in-nullita` tal-kuntratt, irid ikun wieħed li jaqa' fuq is-sustanza nnfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim[2]. Inoltre, huwa pacifiku illi biex jikkonfigura l-vizzju tal-kunsens ta' parti f'kuntratt, jeħtieġ li jintwera minn min jallega l-vizzju, li l-iżball ta' fatt kien wiehed sostanzjali, skużabbli u determinanti għas-sehem ta' dik il-parti biex ressqet għall-kuntratt. Żball ikun sostanzjali meta jaqa' kemm fuq l-oġġett innifsu tal-ftehim u kif ukoll fuq xi kwalita` essenzjali tiegħu, u dan jitqies bil-kejl (suġġettiv) li bih il-parti mqarrqa kienet tqis l-istess oġġett tal-kuntratt[3]. Zball ma jkunx skużabbli jekk bi ftit għaqal u minghajr hafna tahbit, jista' jigi verifikat. Huwa meħtieġ ukoll f'dan il-kaz ta' vizzju tal-kunsens, illi l-izball jintrabat

[2] Artikolu 974 *et seq.* tal-Kodici Civili
[3] Appell Ċivili deciza 20 ta' Ottubru 1961 fil-kawża fl-ismijiet **Cachia v. Vassallo** (Kollez. Vol: XLV.i.327)

maċ-ċirkostanzi u mal-fatti li kienu fis-seħħ fil-ħin li jingħata l-kunsens u mhux ma' dawk li setgħu rriżultaw wara. Fil-fatt, kunsens ma jistax jitqies li huwa vizzjat minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi li jiġru wara li jkun ingħata.

11. Huwa relevanti fir-rigward dak citat minn din il-Qorti fis-sentenza **Frank Frendo et v. Joseph Vella et**[4]:-

> "Dwar dan l-awtur hawn fuq citat jispjega illi: "*Intendesi per errore la mancanza di conformita' fra le idee della mente e l'ordine reale delle cose… Quando il legislatore si accinge a dettare le norme, secondo cui l'errore puo' esser causa di rescindere un contratto, gli fa mestieri avere innanzi agli occhi due postulate fondamentali. Cioe' a dire: (i) che l'errore puo' invalidare ragionevolmente il consenso, purche' costituisca il motivo determinante del contratto, per modo che il contraente non avrebbe concluso l'accordo, se avesse conosciuta la verita' ; (ii) che sebbene in cosifatta ipotesi l'errore meriti riparazione, deve aversi pure benigno riguardo alle condizioni dell'altro contraente; il quale affatto ignaro dell'altrui errore vede a suo danno e senza colpa sua, svanire un credito o un diritto qualsiasi,su cui aveva fatto legittimo assegnamento."* [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

12. Fil-meritu u rigward l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva l-allegazzjoni tal-konvenuta, dwar il-"*fissazzjoni*" li skont l-istess konvenuta wriet l-ewwel Qorti "*ghall-fatt li [dik il-Qorti] riedet li l-partijiet ikunu kollha indaqs kwantu ghall-gid li huma nghataw b'donazzjoni minghand ommhom*", hija gratuwita u ma ssib ebda sostenn fl-ebda parti tas-sentenza appellata.

---

[4] Deciza 3 ta' Marzu 2011, fejn citat minn Giorgio Giorgi : Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246.

13. Din il-Qorti tosserva illi l-unika fissazzjoni li jirrizulta f'dan il-kaz hija l-volonta` qawwija li kellha l-attrici biex titratta lil uliedha kollha ndaqs u, li tqassam gidha b'mod ugwali bejniethom. L-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti kien li identifikat din il-volonta` tal-attrici mid-dikjarazzjonijiet ripetuti u enfatici, kemm fl-affidavit taghha kif ukoll quddiem l-ewwel Qorti, illi hi qatt ma riedet li d-donazzjoni lill-konvenuta issir bil-mod li saret, u l-kuntratt li sar ma kienx jirrispekkja r-rieda taghha. Jidher car, infatti, illi l-ewwel Qorti fehmet u apprezzat ferm tajjeb u korrettement, ir-retroxxena u l-verzjonijiet tal-partijiet u r-realta` ta' dak kollu li kien gara bejniethom, u dan ghaliex dik il-Qorti kienet appuntu fl-ahjar pozizzjoni li taghmel dan l-apprezzament, anke tenut kont tal-fatt illi kellha wkoll l-opportunita` li tisma' lill-attrici tixhed *viva voce* u tiddikjara quddiemha[5] li "*ghadha tal-fehma li l-kuntratt ta' donazzjoni mertu tal-kawza ma jirrispekkjax l-intenzjoni taghha"*.

14. Fit-tieni aggravju, il-konvenuta tilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti ma ddeterminatx li l-kunsens tal-attrici fuq il-kuntratt tad-donazzjoni kien karpit bi zball, izda minflok, ghenet lill-attrici wara, issewwi l-izball li rrejalizzat li ghamlet u dan, meta rat li wliehda l-ohra rrabbjaw ghaliha minhabba d-donazzjoni. Kien ghalhekk li l-attrici, wara l-kuntratt, kellha ripensament.

---

[5] Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2010, a fol. 77a.

15. Din il-Qorti tosserva li ghandha ragun il-konvenuta fl-appell taghha tghid illi l-ewwel Qorti kellha tissindika x'kienet l-intenzjoni tal-attrici dak il-hin tal-att u mhux wara, izda sabiex setghet tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar x'kienet il-volonta` tal-attrici fil-hin li ffirmat il-kuntratt ta' donazzjoni, l-ewwel Qorti ma setghetx ma tindagax u tistabbilixxi x'kienu l-intenzjonijiet tal-attrici fir-rigward tat-tqassim ta' gidha u l-mod kif kienet tqis lil uliedha, sew qabel, waqt u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt.

16. Ghalhekk il-fatt illi l-ewwel Qorti setghet qieset, fl-apprezzament taghha dwar il-volonta` tal-attrici fuq il-kuntratt, l-avvenimenti u c-cirkostanzi li sehhew wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt b'ebda mod ma jaghti xi konfort lil dak allegat mill-konvenuta illi l-ewwel Qorti "*ghenet lill-attrici tillappazza l-kwistjoni*" ghaliex kellha "*ripensament*" wara l-kuntratt minhabba r-reazzjoni ta' uliedha l-ohra, kif lanqas ma jirrizulta li l-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici ghaliex riedet tghin lill-attrici tirranga s-sitwazzjoni u tiddona gidha ugwalment bejn uliedha. Ghal kuntrarju jirrizulta mill-atti tal-kawza u mill-provi kollha prodotti, illi l-intenzjoni tal-attrici dwar il-qsim tal-beni taghha, kienet dejjem l-istess, cioe` li tittratta lil uliedha kollha ndaqs biex ma jkunx hemm glied u inkwiet bejniethom. Infatti, l-ewwel Qorti apprezzat mhux biss il-biza' li l-attrici kellha minn uliedha izda wkoll id-determinazzjoni taghha, anke fil-prezenza ta' uliedha fil-Qorti, li tishaq li dejjem riedet li wliedha jkunu ugwali u li riedet

ukoll tkompli bil-kawza li kienet intavolat, meta waqt l-udjenza tat-30 ta' Novembru 2010, l-ewwel Qorti spjegatilha l-konsegwenzi tac-cessjoni tal-kawza fuq il-kuntratt ta' donazzjoni. Inoltre, is-*social worker* Maria Camilleri, xhud estranea, prodotta mill-konvenuta stess, ikkonfermat din l-intenzjoni tal-attrici meta fix-xhieda taghha qalet:- *"[l-attrici] Ma rieditx preferenzi bejniethom*[6]."

17. Il-konvenuta tghid illi dan l-izball "akkademiku" li ghamlet l-ewwel Qorti jikristallizza ruhu fis-segwenti konsiderazzjoni li ghamlet il-Qorti fis-sentenza appellata:-

> "Dak li jinteressa lil Qorti pero` hu jekk Pauline Vella Moran meta ghamlet il-kuntratt ta' donazzjoni ghamlitx zball f'dak li riedet tiddona u jekk l-izball kien mhux f'dak li riedet meta ghamlet il-kuntratt izda f'dak li sehh wara u li allura gieghelitha tahsibha mill-gdid fuq dak li fil-fatt ghamlet."

18. Fir-rigward din il-Qorti ma tara xejn hazin f'dak li qalet l-ewwel Qorti fil-bran fuq citat. Dan ma jsarrafx fi zball akkademiku da parti tal-ewwel Qorti, kif tippretendi l-konvenuta fl-appell taghha, izda huwa riassunt tal-process tal-hsieb li riedet taghmel l-ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha. Infatt, huwa evidenti li dak li riedet tfisser l-ewwel Qorti hu li biex tigi determinata t-talba principali tal-attrici, kellu jigi kkunsidrat is-segwenti:-

[6] A fol. 252.

19. Jekk meta ghamlet il-kuntratt ta' donazzjoni l-attrici ghamlitx zball fl-oggett li riedet tiddona - f'liema kaz il-kunsens taghha jkun karpit bi zball ta' fatt li jissodisfa l-elementi tal-Ligi; jew jekk l-izball kienx, mhux f'dak li riedet meta ghamlet il-kuntratt, izda f'dak li sehh wara, li allura gieghelha tahsibha mill-gdid fuq dak li ghamlet fil-kuntratt – f'liema kaz il-kunsens taghha fuq l-kuntratt ma jkunx vizzjat bi zball ta' fatt li jwassal ghar-rexxissjoni tal-kuntratt kif trid il-Ligi u l-gurispridenza.

20. L-ewwel Qorti, wara li qieset iz-zewg konsiderazzjonijiet fuq riportati, u evalwat ir-rizultanzi tal-provi kollha migjuba mill-partijiet u l-komportament tal-attrici u x-xhieda li xehdu quddiemha, waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet.

21. [a] Illi l-attrici minghaliha li bil-kuntratt ta' donazzjoni hija kienet qieghdha tirranga s-sitwazzjoni biex iggib lil uliedha kollha ndaqs fir-rigward tad-donazzjonijiet ta' gidha li kienet ghamlet sa dakinhar, u ma fehmitx jew fehmet hazin lin-Nutar minhabba l-istat fiziku u mentali taghha.

22. [b] Illi l-ewwel Qorti qieset ukoll illi huwa inverosimili li persuna li, t-tul kollu tal-process tishaq li trid lil kulhadd indaqs ser taghti lill-konvenuta gid li jiswa mill-inqas €350,000, filwaqt li lil uliedha l-ohra tathom proprjeta` b'valur ta' cirka €17,000. Il-Qorti waslet ghall-

konkluzjoni li l-kuntratt ma jirriflettix il-volonta` tal-attrici anke meta kkunsidrat illi l-attrici ma kellhiex zmien "apprezzabbli" qabel ma sar il-kuntratt biex tivverifika dak li verament kien fih il-kuntratt, tenut kont ukoll tal-istat mentali u fiziku taghha.

23. [c] Izda fuq kollox l-ewwel Qorti tat piz lir-rizoluzzjoni u determinazzjoni li wriet quddiemha stess l-attrici meta din iddikjarat li hi ma kienetx taf li l-kuntratt ta' donazzjoni, kien jinkludi proprjetajiet ohra l-appartament fuq indikat, u meta ddikjarat li qatt ma riedet li l-konvenuta tiehu iktar minn hutha l-ohra.  Dawn, flimkien max-xhieda ta' Maria Camilleri, kienu l-fatturi principali li wasslu lill-ewwel Qorti tikkonkludi illi l-kunsens tal-attrici kien ivvizzjat bi zball.

24. Din il-Qorti tosserva li mill-atti processwali jirrizulta li hemm diversi cirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li ma huwiex affattu difficli li wiehed jifhem kif l-attrici giet indotta fi zball fuq il-kuntratt ta' donazzjoni *de quo* u illi dan l-izball ma huwiex frott ta' dak li gara wara l-kuntratt:-

25. [a] L-attrici kienet mara anzjana [79 sena] f'kundizzjoni ta' sahha prekarja u debboli, li kienet mahkuma minn uliedha b'mod li riedet tikkuntentahom kollha.

26. [b] Barra minn hekk, is-sentenzi tal-qrati kriminali annessi ma' l-affidavit tal-attrici ftit ihallu dubju illi l-istess attrici kienet vittma, mhux ta' darba biss, ta' ghajjat, insulti u tghajjir da parti ta' bintha l-konvenuta li giet anke misjuba hatja li sawtet lil ommha u kkagunatilha griehi. Dawn ic-cirkostanzi jkomplu jsahhu l-fehma tal-Qorti li l-attrici kienet imbezza' minn bintha, il-konvenuta. Jirrizulta wkoll li l-attrici ta' spiss kienet tkun *depressed* u imbikkma minhabba l-inkwiet bejn uliedha u minhabba l-biza' li kellha.

27. [c] Johrog mill-provi illi meta l-attrici wriet ix-xewqa lill-konvenuta li taghtiha sehem ta' proprjeta` b'donazzjoni, il-konvenuta haditha ghand l-avukat taghha stess li kien ippatrocinaha kontra ommha fid-diversi kawzi inkluz l-imsemmija proceduri kriminali li kienu ttiehdu fil-konfront tal-istess konvenuta fuq kwerela ta' ommha. Il-konvenuta ma haditx lil ommha ghand avukat iehor meta kienet taf li ommha kellha l-avukat taghha stess li jidher li kienet ilha diga` diversi snin tinqeda bis-servizzi tieghu.

28. [d] Huwa sinifikattiv ukoll il-fatt li jirrizulta li n-Nutar li ppubblika l-kuntratt *de quo* stqarr fix-xhieda tieghu li huwa ma kkonsultax il-kuntratti ta' donazzjoni li semmietlu l-attrici, minn fejn kien jirrizulta car illi d-donazzjonijiet li ghamlet liz-zewgt uliedha l-ohra kienu ferm differenti fl-entita` u fil-valur taghhom mid-donazzjoni li effettivament ghamlet bil-

kuntratt pubblikat minnu. B'danakollu, l-istess Nutar kien daqstant car fid-depozizzjoni tieghu fejn qal li l-attrici kienet spjegatlu illi hi riedet taghti lil Concetta Abela, ghax filwaqt li tat lill-ohrajn, lilha ma kienet tatha xejn.

29. [e] L-attrici kienet facilment impressjonabbli u dejjem lesta biex iccedi biex minghaliha tikkuntenta lil kulhadd u tikkalma r-relazzjonijiet bejn uliedha. Mhux difficli li wiehed jifhem illi l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar kif ulied l-attrici kienu juzawha biex jikkuntentaw ir-rieda taghhom kontra xulxin, hija preciza. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-kwistjoni tal-prokuri:- jidher mill-provi prodotti illi l-attrici ghamlet prokura ghand l-avukat taghha a favur ta' bintha Josephine Bondin, sussegwentement waqqghetha u ghamlet prokura ohra a favur il-konvenuta ghand l-avukat tal-istess konvenuta. Wara, tat prokura ohra lill-istess Josephine Bondin u waqqghet dik li kienet tat lill-konvenuta.

30. [f] Jirrizulta li meta l-attrici saret taf, ftit gimghat wara, illi l-kuntratt kien juri li hija ddonat lill-konvenuta proprjetajiet ohrajn oltre dik il-proprjeta` li kien bi hsiebha tiddonalha biex tkun tat b'donazzjoni lill-konvenuta l-istess valur u entita` ta' proprjeta`, ir-reazzjoni tal-attrici kienet wahda ta' xokk, u hawn ikompli jimmanifesta ruhu l-izball li l-attrici kienet indotta fih fuq il-kuntratt *de quo*. Infatt, l-attrici ftit halliet zmien

jghaddi qabel mexxiet b'din il-kawza. Di fatti jirrizulta li, filwaqt li l-kuntratt *de quo* sar fit-28 ta' Awwissu 2010, ir-rikors guramentat gie prezentat minnha fil-5 ta' Ottubru tal-istess sena, jigifieri xahar u tmint ijiem wara.

31. [g] Ghalkemm jirrizulta wkoll li l-attrici kienet rizoluta li ma tridx glied u inkwiet bejn uliedha u kienet taf li qed taghmel donazzjoni minn xi assi taghha lill-konvenuta, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti tqis li l-attrici ma kellhiex opportunita` xierqa jew il-qaghda emozzjonali u fizika idonea, u certament ma kinitx hielsa bizzejjed fir-rieda taghha li taghmel dak li effettivament kienet il-volonta` reali taghha u biex tapprezza l-effetti tal-kuntratt. Is-*social worker* Maria Camilleri qalet bla tlaqliq illi l-istess attrici, minkejja li kien hemm il-konvenuta prezenti, stqarret li ma kinitx taf x'iffirmat:

> "… … ma tafx x'iffirmat.
>
> "… Ommissis …
>
> "Ix-xiha qaltli li ma tafx x'iffirmat.
>
> "… Ommissis …
>
> "… …. Jien qrajtilha l-ittra ta' l-avukat u ghidtilha din taf x'inhi. Qaltli jien ma nafx li ffirmajtha, li ffirmajt ghal dik."[7]

32. [h] Din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset illi ma jirrizulta f'ebda waqt tal-proceduri jew mill-provi migjuba, illi l-attrici qatt

[7] A fol. 245. B'referenza ghall-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 2010, Dok. D

uriet xi dispozizzjoni illi tippreferixxi lill-konvenuta fuq uliedha l-ohra, *multo magis* li tasal tiddonalha ferm iktar proprjeta` milli kienet diga` ddonat lill-ohrajn. Dan huwa inkompatibbli ma' dak allegat mill-konvenuta li ommha kellha r-rieda hielsa biex taghmel id-donazzjonijiet ulterjuri li jirrizultaw fil-kuntratt impunjat.

33. [i] Ghal kuntrarju, l-enfasi kien dejjem tul il-proceduri kollha li hija riedet li taqsam gidha ugwalment biex uliedha kollha jkunu ndaqs specjalment wara li l-attrici kienet tat b'donazzjoni lil uliehda Josephine Bondin u Maryanne Calleja sehemha ta' nofs indiviz fil-flat 2 u flat 3, rispettivament, formanti parti mill-binja 84, Marconjos, Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Jannar 2007.

34. Din il-Qorti tirrileva li l-izball fuq il-kuntratt sar fl-oggett li riedet tiddona l-attrici ghaliex jirrizulta manifestament mill-atti illi, filwaqt illi l-intenzjoni taghha kienet illi tiddona proprjeta` wahda biss lill-konvenuta biex tkun giet li tatha b'donazzjoni l-istess valur u entita` ta' proprjeta` li tat liz-zewgt uliedha l-ohra, spiccat tat b'donazzjoni lill-istess konvenuta mhux proprjeta` wahda izda erba' proprjetajiet b'valur komplessiv kif jirrizulta mill-kuntratt tad-donazzjoni ta' €356,000. Ghalhekk l-izball kien wiehed ta' fatt u kien sostanzjali, skuzabbli u determinanti lil jolqot il-validita` tieghu u li l-izball jintrabat sew mac-cirkostanzi u mal-fatti li kienu fis-sehh fil-hin li l-attrici tat il-kunsens taghha.

35. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li fl-atti kien hemm provi bizzejjed sabiex fl-apprezzament taghha tal-fatti tal-kaz l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk, mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u l-konkluzjoni raggjunta minn dik il-Qorti.

36. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

It-Tielet Aggravju

37. Dan hu fis-sens li l-konvenuta tghid li l-kawza odjerna ma fethithiex l-attrici u lanqas riedet tkompliha, izda bdewha z-zewg hutha l-ohra. Il-Qorti tosserva li mill-atti johrog car li din l-allegazzjoni, mhux talli mhijiex sostnuta mill-provi, izda talli ssib kuntrast fil-provi. Dan jirrizulta car minn dak li sehh fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2010 quddiem l-ewwel Qorti fejn l-attrici spjegat lil dik il-Qorti li hi kienet ben konsapevoli tal-fatt li fethet kawza kontra bintha kif ukoll li kienet determinata li tkompli bil-kawza biex tara li l-effetti tal-kuntratt tad-donazzjoni jithassru inkwantu ma jirrispekkjawx l-intenzjoni taghha fuq l-istess kuntratt.

38. Din il-Qorti tosserva li, il-fatt li wliehda l-ohra ghenuha biex tmexxi 'l quddiem il-kawza, ftit ghandu relevanza ghaliex ma jirrizultax illi l-attrici kienet taht pressjoni biex tiftah din il-kawza jew biex tkompliha, kif *del*

*resto* jirrizulta wkoll mit-testment sigriet taghha esebit a fol. 208 *et seq.* tal-process fejn, *inter alia*, iddikjarat f'termini cari li riedet li l-kawza odjerna titkompla u li qatt ma kienet l-intenzjoni taghha li taghti lill-konvenuta l-proprjeta` kollha indikata fil-kuntratt.

39. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Peress li l-Qorti hi tal-fehma li l-appell odjern kien wiehed frivolu u vessatorju, tikkundanna lill-konvenuti appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn u dan wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
ld